# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM l-Erbgħa, 16 ta' Diċembru, 2015

**Kawża Nru 18**

**Rik. Nru. 571/11JRM**

Ronald *sive* Ronnie **AXISA**

vs

Mario **GALEA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-14 ta' Ġunju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti (a) ssib illi l-

imħarrek naqas li jwettaq skond ma jitolbu s-sengħa u l-ħila l-kuntratt ta' appalt mogħti minnu lill-imħarrek għat-tqegħid ta' madum f'appartament numru sebgħa (7), mill-blokka bl-isem ta' "*Oxford Court*", fi Triq Achille Ferris, Imsida; (b) ssib li l-attur ġarrab danni b'riżultat ta' dan in-nuqqas; (ċ) tillikwida d-danni mġarrba minnu; u (d) tikkundanna lill-imħarrek iħallas is-somma hekk likwidata bħala danni mġarrba. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Lulju, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-19 ta' Awwissu, 2011, li biha l-imħarrek fil-mertu laqa' billi ċaħad it-talbiet attriċi għaliex qal li (a) huwa wettaq l-appalt mogħti lilu skond is-sengħa u l-ħila; (b) l-attur ħallas għax-xogħol konsenjat; (ċ) l-attur hu obbligat jipprova l-ħsara li jallega li sofra; (d) l-attur għandu jipprova illi l-uniku rimedju huwa li x-xogħol irid jinqala' u jerġa' jsir mill-ġdid; (e) l-attur qatt ma tah l-opportunita' li jsewwi l-allegati nuqqasijiet;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Novembru, 2011[2], fejn ħatret lill-Perit Arkitett Alan Saliba bħala perit tekniku sabiex jisma' x-xhieda tal-partijiet u jirrelata dwar l-aspetti tekniċi marbuta mal-każ, magħduda l-likwidazzjoni tad-danni pretiżi mill-attur;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-perit tekniku fit-22 ta' Awwissu, 2014[3], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigh tat-28 ta' Ottubru, 2014[4];

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Ottubru, 2014[5], li bih tat lill-imħarrek il-fakulta' li jressaq lill-perit tekniku b'xhud tiegħu in eskussjoni;

Rat in-nota mressqa mill-imħarrek fid-19 ta' Novembru, 2014[6], bil-mistoqsijiet indirizzati lill-perit tekniku;

[1] Pagg 5 – 6 tal-process
[2] Pag. 53 tal-process
[3] Pagg. 85 – 108 tal-process
[4] Pag. 207 tal-process
[5] *ibid*
[6] Pagg. 208 – 209 tal-process

Rat in-nota tal-perit tekniku tal-15 ta' Diċembru, 2014[7], li biha jwieġeb id-domandi in eskussjoni mressqa mill-imħarrek, u minnu maħlufa waqt is-smigħ tas-16 ta' Diċembru, 2014[8];

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Diċembru, 2014[9], li bih tat lill-attur il-fakolta' li jressaq lill-perit tekniku b'xhud tiegħu in eskussjoni;

Rat in-nota mressqa mill-attur fit-23 ta' Diċembru, 2014[10], bil-mistoqsija indirizzata lill-perit tekniku;

Rat in-nota tal-perit tekniku tat-8 ta' Jannar, 2015[11], li biha jwieġeb id-domanda in eskussjoni mressqa mill-attur, u minnu maħlufa fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili fl-istess jum;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Jannar, 2015[12], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni;

Rat in-nota ta' referenzi mressqa mill-imħarrek fil-25 ta' Marzu, 2015[13];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet (reġistrata u traskritta)[14];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Marzu, 2015, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat*:**

Illi din hija azzjoni għal danni minħabba appalt imwettaq ħażin mill-imħarrek appaltatur u biex l-istess appaltatur iħallas id-danni minħabba li ta xogħol ħażin li, l-attur jgħid, irid jitneħħa u jinbidel b'xogħol mill-ġdid. L-attur jgħid li ta appalt lill-imħarrek sabiex iqiegħed madum fl-appartament tiegħu ġewwa l-Imsida. Huwa ħallsu tax-xogħol, iżda wara

[7] Pag. 210 – 211 tal-process
[8] Pag. 214 tal-process
[9] Pag. 216 tal-process
[10] Pag. 217 tal-process
[11] Pag. 218 tal-process
[12] Pag. 219 tal-process
[13] Pagg. 220 – 221 tal-process
[14] Paġġ. 222 – 230 tal-proċess

ħarġu nuqqasijiet fix-xogħol tat-twaħħil tal-madum tali li l-madum ser ikollu jinqala' kollu, jinxtara madum ġdid u jerġa' jitpoġġa minflok dak imqiegħed mill-imħarrek. Għal dan l-imħarrek għandu jħallsu d-danni;

Illi min-naħa tiegħu l-imħarrek jgħid illi x-xogħol sar b'mod tajjeb u kif jitolbu s-sengħa u l-ħila. Minbarra dan, jilmenta li kien l-attur li naqas li jħallih isewwi x-xogħol fejn seta' ma kienx jogħġbu u li b'daqshekk ma ġab l-ebda dannu lill-attur. Ċaħad ukoll li hu naqas li jagħti widen għat-talbiet tal-attur, imqar meta dan kitiblu b'avukat;

Illi mill-**fatti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża** jirriżulta li l-attur huwa sid ta' appartament li jagħmel minn binja bl-isem ta' "*Oxford Court*", fi Triq Achille Ferris, l-Imsida. F'Diċembru u f'Jannar tal- 2009, l-attur xtara madum taċ-ċeramika tal-għamla "*Futura White*" flimkien ma' '*skirting*' tal-għamla "*Futura Blanco*" biex jitqiegħed fl-imsemmi appartament[15]. L-attur qabbad lill-imħarrek sabiex jagħmel dan ix-xoghol[16] li kien jikkonsisti fil-qlugħ tal-madum li kien hemm fil-post, ir-rimi tal-madum il-qadim, it-tqegħid ta' torba, il-ġarr sal-appartament tal-madum mixtri gdid, it-tqegħid tal-istess inkluż l-għoti tal-mili tal-fili ('*grouting*'), u t-twaħħil tal-i*skirting* fil-bnadi fejn kellu jitqiegħed il-madum mixtri ġdid;

Illi x-xogħol sar fl-appartament kollu ħlief għall-kamra tas-sodda, il-kamra tal-banju u fid-doċċa '*en suite*'. Il-madum tqiegħed billi l-imħarrek l-ewwel dilku bil-kolla u wara waħħlu fuq it-tajn b'taħlita ta' ramel u siment. Ix-xogħol inbeda u tlesta fi żmien ta' ġimgħatejn[17]. Ix-xogħol sar mill-imħarrek u sieħbu, wieħed Godwin Buġeja[18] u sakemm ix-xogħol dam għaddej, l-attur ma baqax joqgħod fl-appartament u kera l-appartament ta' taħtu, għalkemm kien jgħaddi jittawwal kif kien miexi x-xogħol. Matul iż-żmien li kien qiegħed jitqiegħed il-madum, kien qed isir xogħol ieħor fl-appartament fi snajja' oħrajn[19];

Illi l-attur jgħid illi waqt li l-imħarrek kien għaddej bix-xogħol intebah li qrib il-bieb ta' barra kien hemm numru ta' madum li ma kinux jidhru impoġġija sewwa u talab lill-imħarrek biex jaqlagħhom u jqiegħed oħrajn mill-ġdid[20]. Wara li l-imħarrek lesta mix-xogħol kollu tal-appartament, huwa ħalleb il-madum u, malli ntemm dak il-proċess, ħarġu numru ta' nuqqasijiet tul id-dar kollha[21]. Dawn kienu jikkonsistu fi ħniek jew diżlivelli bejn maduma u oħra, u varjazzjoni fil-ħxuna tal-fili. Meta l-attur ġibed l-attenzjoni ta' dan

[15] Dok. "RA1" sa Dok. "RA4", pagg 27 – 30 tal-process
[16] Pag. 23 tal-process
[17] Relazzjoni tal-Perit Alan Saliba, §4.02, f'pag 92 tal-process
[18] Affidavit tal-imħarrek Dok "MG1", f'paġġ. 73 – 4 tal-proċess
[19] Affidavit ta' Godwin Buġeja Dok "GB1", f'paġġ. 76 – 7 tal-proċess
[20] Pag. 23 tal-process
[21] Pag. 24 tal-process

lill-imħarrek, dan tefa' dubju fuq il-kwalita' tal-maduma magħżula mill-attur billi qallu li l-maduma kienet mibruma;

Illi fuq fattura maħruġa mill-appaltatur[22], l-attur ħallas b'kollox elf disa' mija u tlieta u sebgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 1,973.50) ta' jdejh u għax-xiri tal-materjal (minbarra l-madum) u l-ġarr, għalkemm l-imħarrek ħallielu riċevuta biss dwar elf u mitejn euro (€ 1,200)[23] li l-attur kien ħallsu b'*cheque*[24];

Illi meta l-attur ġie biex jibda jdaħħal l-għamara fl-appartament, bdiet teħel mal-art huma u jkaxkruha għal ġo postha. L-attur ma qagħadx fuq dak li qallu l-imħarrek u talab l-opinjoni mingħand tliet periti li lkoll ikkonfermaw in-nuqqasijiet[25]. L-attur talab ukoll li jsiru testijiet fuq numru ta' madum biex jikkonfermaw il-kwalita' tal-maduma;

Illi t-testijiet saru ġewwa laboratorju u rriżulta illi l-maduma kienet ta' kwalita' mill-aqwa[26] u fil-limiti ta' tolleranza[27] għal dak li jirrigwarda ħxuna;

Illi fid-9 ta' Frar, 2011[28] l-attur bagħat ittra legali lill-imħarrek fejn informah bid-danni illi huwa ġarrab u talbu jersaq għal likwidazzjoni u ħlas tagħhom. Billi baqa' ma ħax li ried, fid-9 ta' Marzu, 2011[29], l-attur bagħat ittra uffiċjali lill-imħarrek. Għaliha l-imħarrek wieġbu b'oħra fil-21 ta' Marzu, 2011[30], fejn ċaħad l-allegazzjonijiet miġjuba kontrih marbuta ma' xogħol ħażin;

Illi fl-14 ta' Ġunju, 2011, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi mill-kostatazzjonijiet tekniċi u fattwali li lemaħ wara aċċess fil-post, il-perit tekniku maħtur mill-Qorti sab li d-diżlivelli bejn madum imqiegħed fi bnadi mxerrda mal-appartament jaqbżu l-limiti tollerabbli skond *standards* aċċettati fl-Ewropa[31];

Illi ghal dak li jirrigwarda l-**konsiderazzjonjiet ta' xejra legali** marbutin mal-kawża, l-attur jibni l-azzjoni tiegħu fuq in-nuqqas ta' sengħa u ħila min-naħa tal-imħarrek meta qiegħed il-madum fl-appartament tiegħu. L-

[22] Dok "RA6", f'paġ. 49 tal-proċess
[23] Dok "RA8", f'paġ. 51 tal-proċess
[24] Dok "RA7", f'paġ. 50 tal-proċess
[25] Dokti. "TM", "WL" u "RC", pagg. 11 – 15 tal-process
[26] Dok. "RA5", pagg 31 – 48 tal-process
[27] Pag. 152 tal-process
[28] Pag. 4 tal-process
[29] Pag. 3 tal-process
[30] Dok. "A", pag. 19 tal-process
[31] § 5.04 tar-Relazzjoni, f'paġ. 94 tal-proċess

imħarrek min-naħa tiegħu jilqa' għat-talba attriċi billi jgħid illi x-xogħol li ta sar sewwa, u fil-mori tal-proċeduri, żied jallega imġiba kontributorja min-naħa tal-attur innifsu meta kien iħalli lill-ħaddiema tiegħu (imqabbdin biex jagħmlu xogħlijiet oħrajn fl-appartament) jirfsu fuq il-madum imqiegħed frisk;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva illi din il-linja ta' difiża 'ġdida' min-naħa tal-imħarrek la tressqet fit-tweġiba għall-ittra uffiċjali mibgħuta mill-attur[32], la fir-Risposta Maħlufa[33] mressqa minnu u lanqas b'talba formali quddiem din il-Qorti sabiex titressaq bħala eċċezzjoni ulterjuri. Jirriżulta wkoll illi meta ġie mistoqsi in kontro-eżami jekk lill-attur l-imħarrek qallux li l-ħaddiema tiegħu kienu qed jirfsu fuq il-madum meta kien għaddej bix-xogħol, l-imħarrek wieġeb fin-negattiv[34];

Illi l-għaref difensur tal-imħarrek iddedika l-biċċa l-kbira mit-trattazzjoni erudita tiegħu fl-għeluq tal-kawża sewwasew fuq dan l-aspett tal-indħil tat-terzi bil-kompliċita' tal-attur. Semma wkoll li kien jaqa' fuq l-attur kommittent jew appaltant l-obbligu li jippermetti lill-appaltatur iwettaq il-ħatra mogħtija lilu bla ma joħloqlu xkiel minn ħaddieħor[35]. Madankollu, il-Qorti taqbel mal-għaref difensur tal-attur li ladarba l-imħarrek qatt qabel ma kien qanqal din il-kwestjoni, mhuwiex sewwa li b'argument imressaq f'għeluq is-smigħ l-imħarrek jitħalla jtella' difiża li l-attur ma kellu qatt jaħseb li setgħet titqajjem u li formalment issemmiet biss wara li kien ingħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi;

Illi l-Qorti żżid tgħid li l-perit tekniku maħtur minnha ta l-fehma tiegħu wkoll dwar din ix-xilja tal-imħarrek u sab li, fl-aħħar mill-aħħar, ma kenitx tgħodd biex titfa' dawl fuq il-mod kif wettaq l-appalt mogħti lilu u lanqas fuq jekk tinċidix fuq l-effett ta' kif wettaq xogħolu;

Illi l-aspetti tekniċi marbutin mal-kontenzjonijiet tal-partijiet jiffurmaw il-qafas ta' din il-kawża. L-attur ressaq bħala xhieda tlett esperti tekniċi '*ex parte*', filwaqt illi l-Qorti ħatret perit tekniku sabiex, fost oħrajn, jirrelata dwar l-aspett tekniku marbut mal-każ. Minbarra dan, l-attur ressaq ukoll xhieda oħrajn li kienu mqabbdin minnu biex jagħmlu xogħlijiet oħrajn fl-appartament fl-istess żmien li l-imħarrek kien għaddej bit-tqegħid tal-madum. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek ressaq ix-xhieda ta' sieħbu li flimkien qiegħdu l-madum u lill-attur għall-kontro-eżami;

---

32 *Ibid.*
33 Pagg. 17-18 tal-process
34 Pag. 198 tal-process
35 Ara wkoll Nota ta' Riferenzi f'paġġ. 220 – 1 tal-proċess

Illi xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-qofol kollu tal-azzjoni attriċi huwa x-xilja li l-imħarrek appaltatur naqas li jwettaq dak li tqabbad jagħmel fl-appalt. Il-Qorti tagħraf li fit-twettiq tax-xogħol mogħti lilu, kull appaltatur irid iħares b'għaqal, mistenni minn kull missier tajjeb tal-familja u skond id-dettami tal-artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili, il-mod kif iwettaq l-appalt jissarraf f'dak "*is-sens ta' professjonalita' teknika għal liema l-appaltatur obbligat għandu dejjem jattjeni fuqu fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet in kwantu din timponi fuqu l-osservanza ta' dawk il-kawteli u miżuri in bażi għar-regola tas-sengħa u tal-arti*"[36]. B'mod partikolari, biex l-appaltatur jista' jingħad li ta xogħol tajjeb irid juri li huwa ikkontrolla sew ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel u jagħti każ tal-fatturi li 'l quddiem jistgħu jikkompromettu x-xogħol li jkun ta, imqar jekk dan jiġri minħabba xogħol ħażin li jkun wettaq xi kuntrattur ieħor qabel ma jkun sar ix-xogħol appaltat[37];

Illi n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[38]. Meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, jew ma tagħmilhiex sewwa, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, id-debitur tal-obbligazzjoni)[39]. Kreditur ta' obbligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[40] u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[41], liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment[42];

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef, sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[43]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[44];

[36] App Ċiv. Inf. PS **15.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Tal-Franċiż Construction Ltd vs Anġlu Żarb***
[37] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***George Spiteri noe et vs Peter Paul Testaferrata Moroni Viani***
[38] Art. 1125 tal-Kap 16
[39] Art. 1127 tal-Kap 16
[40] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[41] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[42] Art. 1135 tal-Kap 16
[43] Art. 1137 tal-Kap 16
[44] Art. 1136 tal-Kap 16

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jew jirranġa n-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[45]. Iżda fejn in-nuqqas ikun wieħed qawwi, ma jkun jistħoqqlu l-ebda ħlas u jġib miegħu s-sanzjonijiet maħsuba mil-liġi, u l-fatt li l-appaltant ikun wettaq xi ħlas jew saħansitra l-ħlas kollu tal-prezz miftiehem[46] ma jwassalx biex l-appaltatur jitqies li jkun wettaq appalt meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher li dan mhuwiex il-każ[47],[48]. Għaldaqstant, meta jirriżultaw dawn in-nuqqasijiet, bħal ma jidher li ġara f'din il-kawża, l-appaltatur jitqies li għandu ħtija minħabba inadempiment għaliex "*il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' eżekuzzjoni, jew f'eżekuzzjoni ħażina, ta' l-obbligazzjoni riżultanti mill-kuntratt*"[49];

Illi kull meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[50]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[51]. B'mod partikolari, l-appaltatur irid iwettaq il-ħatra mogħtija lilu bil-ħsieb li x-xogħol konsenjat ikun ta' fejda għall-appaltant u mhux b'mod li 'l quddiem juri nuqqasijiet, u li jiggarantixxi t-tjubija tax-xogħol tiegħu[52];

Illi biex appaltatur jista' jtaffi jew jeħles għal kollox minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[53]. Jista' juri wkoll li l-ħtija nuqqas ta' twettiq kienet ġejja mill-imġiba nnifisha tal-kommittent, għalkemm mhijiex difiża tal-appaltatur li jgħid li x-xogħol ma sarx jew li sar ħażin għaliex sar kif riedu l-kommittent. Appaltatur irid jirreżisti kull intromissjoni tal-kommittent jekk minħabba dak l-indħil jew insistenza x-xogħol ma jkunx se' jsir skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti[54]. Din id-difiża m'hija xejn għajr dik magħrufa bħala *non rite adimplendi contractus* li, magħquda mal-eċċezzjoni l-oħra tal-impossibilita' tat-twettiq tar-rabta kuntrattwali, jitfgħu fuq il-parti kontraenti eċċipjenti l-piż li jippruvaw li dak minnha allegat ġara tassew;

[45] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[46] P.A. **8.2.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Żarb vs Aġius*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.892**)
[47] App. Inf. **28.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Selective Quality Letting Ltd vs Mall Systems Ltd***
[48] Per eżempju, ara P.A., PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brownrigg noe vs Mario Spiteri***
[49] Kollez. Vol. XXXVII, parti II, pag. 292
[50] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[51] Art. 1133 tal-Kap 16
[52] App. Inf. **6.10.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Pierre Darmanin vs Moira Aġius et***
[53] Art.1134 tal-Kap 16
[54] P.A. **8.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Pisani vs Debattista*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1003**)

Illi, madankollu, huwa mgħallem u aċċettat ukoll li biex dan jista' jsir, jrid jintwera li min jallega n-nuqqas ta' twettiq ma kienx huwa nnifsu inadempjenti f'xi ħaġa li kellu jagħmel taħt l-istess kuntratt. Kemm hu hekk, il-prinċipju li *inademplenti non est ademplendum*, jinbena fuq il-presuppost li min jonqos li jwettaq dak li jkun intrabat bih f'kuntratt ma jistax iwaqqa' l-istess kuntratt fuq il-kawżali tal-inadempiment tal-parti l-oħra[55]. Minbarra dan, biex dik l-eċċezzjoni tista' tintlaqa' jeħtieġ jintwera li (a) l-inadempiment tal-parti attriċi trid tikkonsisti fi ksur ta' rabta li hija parti integrali mill-ftehim; (b) li dak il-ksur trid tkun tassew taħti għalih il-parti attriċi; u (ċ) hemm proporzjonalita' bejn in-nuqqasijiet tal-partijiet, jiġifieri li dak in-nuqqas allegat fil-parti attriċi jkun ta' ċerta toqol meta mqabbel man-nuqqas tar-rabta tal-parti mħarrka[56];

Illi dwar jekk kienx minnu li l-appaltatur ikun tassew sab ma' wiċċu ċirkostanzi lil hinn mir-rieda u mis-setgħa tiegħu li żammewh milli jagħti fiż-żmien miftiehem ix-xogħol kollu ordnat, din il-Qorti tqis li biex jista' jingħad li parti kontraenti titqiegħed fl-impossibilita' li twettaq dak li tkun intrabtet bih, irid jirriżulta li, wara li jkun sar il-ftehim, tkun inħalqet ċirkostanza fiżika, materjali jew ġuridika li tolqot direttament in-negozju obbligatorju[57];

Illi meta parti f'kuntratt tonqos li twettaq dak li ntrabtet bih, trid tħallas lill-parti l-oħra d-danni. Hawhekk jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1640(3), 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili. Xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u ma għandhomx ikunu għodda ta' piena kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażżjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti[58]. B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas[59], filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar[60];

Illi fuq kollox il-ħtija li jrid iwieġeb għaliha l-appaltatur tiddependi minn kemm tali nuqqasijiet għadhom jistgħu jissewwew u huwa biss meta t-

---

[55] App. Ċiv. **3.6.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Attard et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.155**)
[56] Ara App. Ċiv. **29.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Vassallo et noe et vs Dr. Michael Caruana et noe***
[57] App. Inf. **20.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Bonello vs Joseph Cutajar***
[58] App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)
[59] P.A. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** (mhix appellata)
[60] App. Inf. **3.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Livick*** (Kollez. Vol: **XL.i.63**)

tiswija tagħhom ma tkunx għadha tista' ssir li l-kommittent jingħatalu d-dritt li jfittex għad-danni[61];

Illi mill-kostatazzjonijiet magħmula mill-perit tekniku maħtur mill-Qorti f'dan il-każ u r-raġunijiet dettaljati w mirquma li huwa jagħti fir-Relazzjoni tiegħu, joħroġ ċar illi l-kwalita' tax-xogħol ma kinetx dik mistħoqqa min-naħa tal-imħarrek. F'dan ir-rigward, u bla ma toqgħod tirrepeti fit-tul u bla ħtieġa, il-Qorti tirreferi għall-paragrafi 5.01 sa 5.11[62] tal-imsemmija Relazzjoni biex turi fejn hija sabet il-konvinċiment tagħha li jwassluha biex tagħżel li toqgħod fuq is-sejbiet tal-perit tekniku minnha maħtur;

Illi fil-każ tal-lum, il-perit tekniku irrelata illi n-nuqqasijiet mill-imħarrek huma mifruxa mal-appartament kollu u mhux possibbli illi tinbidel maduma maduma billi kif tiġi mibdula maduma waħda, jiġi affettwat il-madum kollu ta' madwarha. Barra minn hekk ma jirriżultax illi fis-suq għad hawn madum bħal dak imqiegħed fl-appartament tal-attur kommittent. Għalhekk ir-rimedju huwa li l-madum li hemm jinqala' u jerġa' jitqiegħed ieħor mill-gdid[63];

Illi l-Qorti tqis illi l-imħarrek ma ressaqx talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali biex iwaqqa' l-fehmiet imtennija mill-perit tekniku. Huwa eskuta lill-perit u ressaq lill-Qorti argumenti kontra xi sejbiet, iżda din il-Qorti ma ssibx li dawk l-argumenti jseħħilhom jikkonvinċuha biex twarrab ir-riżultanzi tekniċi li joħorġu minn dik ir-Relazzjoni biex minflok tadotta t-teżi tal-imħarrek;

Illi, għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi għaliex hija tajba u msejsa fuq il-fatti pruvati u d-dritt. Fl-istess waqt, mhijiex sejra tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-imħarrek dwar it-twettiq sewwa tal-appalt mogħti lilu;

Illi ladarba l-Qorti sabet li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u ladarba ma hemmx xogħol rimedjali xi jsir anqas mit-tneħħija tal-madum kollu mqiegħed mill-imħarrek appaltatur, il-konsegwenzi ta' tali nuqqas huma l-għoti tad-danni lill-attur kommittent. Għalhekk it-tieni talba wkoll jistħoqqilha tintlaqa' filwaqt li sejra tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-imħarrek;

Illi fir-rigward tal-**likwidazzjoni tad-danni**, il-perit tekniku jirrelata fid-dettal dwar il-likwidazzjoni tad-danni pretiżi mill-attur. Il-Qorti tirreferi għall-paragrafi 6.01 sa 6.10 tar-Relazzjoni tiegħu[64]. Fost id-danni li l-

---
[61] P.A. PS **28.2.2003**, fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Stivala noe vs Hector Borġ pro et noe***
[62] Pagg. 92 – 98 tal-process
[63] § 6.01 tar-Relazzjoni, f'paġ. 99 tal-proċess
[64] Pag. 99-103 tal-process

perit qies li setgħu jingħataw semma n-nefqa magħmula mill-attur biex saru t-testijiet fuq il-madum (Dok "RA5") u n-nefqa li l-attur ikollu jidħol għaliha biex isib fejn joqgħod sakemm jinqala' l-madum imqiegħed mill-imħarrek u jerġa' jitqiegħed il-madum il-ġdid. Fiż-żewġ każijiet, l-imħarrek jilminta mill-fatt li dawn iż-żewġ kapi ta' danni ma jistgħux jintlaqgħu għaliex dawk id-danni ma ġewx mitluba mill-attur u lanqas ippruvati minnu. Fis-sewwa, l-istess perit tekniku deherlu li kellu jikkwalifika dawn iż-żewġ partiti "salv mertu legali";

Illi fuq is-saħħa tal-konsiderazzjonijiet li saru qabel, il-Qorti tqis illi l-attur naqas li jippreżenta prospett tad-danni mġarrba minnu u danni għar-rilokazzjoni ma talabhomx. Għalkemm ma ppreżenta l-ebda riċevuta tal-ħlas għat-testijiet fil-laboratorju, iddikjara bil-ġurament tiegħu li ħallas dak l-ammont[65]. F'dan ir-rigward, il-perit tekniku eskuss xehed li ħlas f'dawk l-akkwati huwa mistenni f'każ ta' testijiet bħal dawk[66]. Min-naħa l-oħra, l-oġġezzjoni tal-imħarrek dwar il-kera ta' post ieħor hija mistħoqqa u kienet tmur lil hinn mill-kriterji ta' kumpens li jkun mistħoqq li jingħata l-attur innifsu;

Illi fuq is-saħħa ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti sejra tilqa' t-tielet talba attriċi u tadotta d-danni kif ġew likwidati mill-perit tekniku, bit-tnaqqis ta' l-ammont ta' sitt mitt (€600) ikkonsidrati bħala danni relatati mar-rilokazzjoni;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tasal għal-likwidazzjoni fis-somma ta' tmint elef u wieħed u sebgħin euro u tmienja u disgħin ċenteżmi (€ 8,071.98) li jrid jagħmel tajjeb għalihom l-imħarrek minħabba n-nuqqasijiet fit-twettiq tal-appalt mogħti lilu;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u ssib li l-appalt mogħti lilu mill-attur ma sarx skond ma jitolbu s-sengħa u l-arti;

**Tilqa' t-talbiet attriċi** billi huma mistħoqqa, u tillikwida s-somma dovuta lill-attur bħala danni minħabba n-nuqqas ta' twettiq tal-appalt fl-ammont ta' tmint elef u wieħed u sebgħin euro u tmienja u disgħin ċenteżmi

[65] Affidavit tiegħu f'paġ. 25 tal-proċess
[66] Ara t-tweġibiet tiegħu fl-eskussjoni f'paġġ. 213 u 218 tal-proċess

(€8,071.98) u tikkundanna lill-imħarrek iħallas l-imsemmija somma lill-attur, flimkien mal-ispejjeż marbuta mal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Marzu, 2011, u l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**16 ta' Dicembru, 2015**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**16 ta' Dicembru, 2015**